MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Avviz Numru. 76/2007

**Chefs Choice Limited (C14565)**

**vs**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited (C22065)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u hdax-il lira Maltija (Lm3,011) liema somma tirrapprezenta bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata, kif jidher mill-istatement hawn anness bhala Dok A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 2006 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull konsenja sal-

pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-7 ta’ Novembru, 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------